MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 179/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ignatius Joseph Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ignatius Joseph Fenech talli fil-5 ta' Lulju 2005 ghall-habta tal-11.55 hrs. fi Tiq in-Naxxar, San Gwann:

(1) Saq vettura Nru. LAU-508 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja specifikata;

(2) B'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(3) Saq l-imsemmija vettura Nru. LAU-508 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);

(4) Saq l-imsemmija vettura meta kien qieghed jiskonta skwalifika jew sospensjoni mil-licenzja tas-sewqan, b’hekk sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 21/3/2001 u 9/7/2001 (Magt. Dr. C. Peralta LL.D.), fl-1/3/2005 (Magt. Dr. M. Hayman, LL.D.), fis-16/3/2005 u fis-27/4/2005 (Magt. Dr. A.J. Vella LL.D.) u fit-13/7/2005 Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Dr. J. Galea Debono LL.D.);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-10 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Ignatius Joseph Fenech hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-22 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib u tiddikjara htija ta’ l-appellat fl-imputazzjonijiet dedotti u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluz l-iskwalifika temporaneja tal-licenzja tas-sewqan;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellat esebita fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti peress illi jikkontendi li minn tali provi dik il-Qorti ma kellhiex issib diffikulta` jew xi

ostakolu ta’ fatt jew dritt biex issib htija fl-appellat skond l-imputazzjonijet dedotti.

Din il-Qorti semghet ix-xhieda mill-gdid u minn hemm jemergu s-segwenti rizultanzi:

**Brian Farrugia**, in rapprezentanza ta’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport, xehed illi l-appellat m’ghandu l-ebda tip ta’ licenzja tas-sewqan. Mir-ricerka li ghamel rrizultalu li l-appellat kellu diversi skwalifiki, fosthom b’sentenza tad-9 ta’ Lulju 2001 ghal sena minn meta jaghlaq tmintax-il sena, b’sentenza ta’ l-1 ta’ Marzu 2005, b’sentenza tas-16 ta’ Marzu 2005 u b’sentenza tas-27 ta’ April 2005.

**Il-Maggur Martin Cordina** gie prodott mill-prosekuzzjoni bhala xhud ta’ l-identita`. Huwa identifika lill-appellat bhala l-imputat fil-kaz li sehh fil-5 ta’ Marzu 2004 (sentenza tas-27 ta’ April 2005).

**P.S. 419 John Buttigieg** xehed illi fil-5 ta’ Lulju 2006 fil-11.55 a.m. kien hiereg mill-BOV ta’ San Gwann u nnota lill-appellat isuq il-vettura LAU-508 tal-marka Vauxhall Astra. Qal li l-appellat kellu idejh barra mit-tieqa u kien liebes flokk tac-cingi.  Kien jaf li l-appellat kellu l-licenzja tas-sewqan mizmuma. Baghat ghall-appellat l-ghassa. Meta mar l-ghassa, l-appellat ha mieghu dokument li kien juri l-hin ta’ registrar f’San Pawl il-Bahar. Minn dan id-dokument, kompla x-xhud, kien jidher li l-appellat kien mar jirregistra tliet kwarti qabel u meta ghamillu osservazzjoni fuq hekk, l-appellat qal li x-xhud kien imqabbad mieghu u ma jgibx rispett lejn it-tifel jew it-tifla tieghu. Ix-xhud qal ukoll li meta ra lill-appellat, ghajjatlu xi darbtejn jew tlieta b’ismu izda jew ma semghux jew ma tax kazu. Zied ighid li mis-sistema komputerizzata tal-Pulizija sab li l-licenzja kienet skaduta. In kontro-ezami kkonferma li kien hu li rrapporta lill-appellat u li kien rah biss fil-5 ta’ Lulju 2006.

Dak li xehdu dawn ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ma gie b’ebda mod kontradett u ma jhalli l-ebda dubju dwar il-htija ta’ l-appellat ta’ l-imputazzjonijiet dedotti. P.S. 419 ra lill-appellat isuq fid-data, hin u lok imsemmijin fic-citazzjoni. Brian Farrugia kkonferma li l-appellat m’ghandu

ebda tip ta’ licenzja tas-sewqan. Konsegwentement ma kienx kopert b’polza tas-sigurta`. Inoltre P.S. 419 sab li l-licenzja tal-karrozza kienet skaduta. Kwantu ghar-recidiva, bix-xiehda tal-Maggur Cordina saret il-prova ta’ l-identita` dwar is-sentenza tas-27 ta’ April 2005 fejn l-istess appellat instab hati dwar imputazzjonijiet simili.

Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellat hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u, wara li rat l-artikolu 15(1)(a) u (3) tal-Kap. 65, l-artikolu 3(1)(2)(2A) tal-Kap. 104, artikoli 49, 50 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-imsemmi Ignatius Joseph Fenech ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tliet xhur u tiskwalifikah milli jiehu jew ikollu licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------